# IT-VIII GHAĠEB TAD-DINJA

Lil ħabibi Dr. Vincent Depasquale.

U ħolom ħolma kbira; ra quddiemu
Lir-ras ta' Sciberras imdawra swar,
U fehem l' hemm ġew, sewwa lin-nies mill-agħar
Jilqa', u jżomm 'il bogħod 'il bogħod minn Jiermu.
U biex ma jitlef xejn mis-sliem ta' jiemu
Tallaba mal-Ewropa bagħat u dawwar;
Min ftit, min xejn, 'ma Piju ħamsa dar
Dawra mal-Vatikan u tah, bla liemu.

Missirijietna qatgħu l-ġebel kbir
U tellgħu djar, palazzi, swar għoljin
Imdawra kullimkien mill-ikħal nir.
Sabiħ it-Taj Mahal, u sbieħ, setgħana
L-Eiffel u il-Piramidi kburin —
Xejn inqas minnhom int, Valletta tagħna!

28/2/'78. WALLACE PH. GULIA

# VERSI

(Lil Karmen Mikallef Buħaġar — B'Ammirazzjoni u Qima għax-xogħol kbir tagħha f'ġieħ l-awturi Maltin u għal Malta. Alla jberikha!)

Ħalli lir-ruħ
titkellem weħidha
ħa jiskot il-baħar
ħa jeħdel ir-riħ
ħa tikbes ix-xemx
fuq ramel imdieheb
ħa joħlom il-qamar
fuq ġnien il-għerf —
Għerja Ruħ il-Bniedem
bħal dielja mneżżgħa
sabiħa fuq egħruqha
ħalli tiġġerra ħielsa
fl-ispazji eterni
tal-infinit
u tibqa'!

DOREEN MICALLEF



# ĦARSA LEJN L-GĦAMLA TA' L-ANGLIĊIŻMI FIL-MALTI

minn ROMAN AZZOPARDI

Il-kelmiet Ingliżi li llum daħlu fl-Ilsien Malti qegħdin, kif naraw u nisimgħu kuljum, jaqdu biċċa sewwa mill-ħtiġiet tagħna f'diversi okkażjonijiet. Kemm jekk hi ittra li trid tinkiteb, kemm jekk hu artiklu li jkun se jiġi ppubblikat, kemm jekk hi taħdita mal-ħbieb u kemm jekk hu rapport sportiv, hemm probabilità li se nużaw xi kelma Ingliża. Aħna li ngħożżu l-ilsien Malti, ma għandniex xi ngħidu, nippruvaw nagħtu xejra Maltija lil ħafna minn dawn l-angliċiżmi.

Xi kliem missellfa mill-Ingliż ħadu libsa Maltija kemm f'dik li hi forma miktuba, kemm f'dik li hi forma mitkellma. Nieħdu dawn iż-żewġ sentenzi bil-kliem Ingliżi 'checking' u 'cake': L-**iċċekkjar** tal-karti dam sejjer ġurnata. Il-**kejkijiet** se jdumu ma jsiru.

Kliem ieħor li ġej mill-Ingliż ħa xejra, fil-ħoss u fil-ħażż, nofs ta' Malti u nofs ta' Ingliż. Nieħdu dan l-eżempju bil-kelma 'Trade Unions':

**It-trejd unions** jaqdu missjoni fil-pajjiż.

Mod ieħor ta' kif addottajna kliem Ingliż hu meta ngħaqqdu l-artiklu Malti mal-kelma barranija. Eżempji: ix-Shop Stewards; iċ-Chairman tal-Bank; il-Manager tal-fabbrika; it-tape recorders.

Il-ħolqien ta' varjanti huwa metodu ieħor li nużaw. Ngħidu aħna, insibu kliem bħal 'strikes' jew 'strajks' jew 'strajkijiet' jonkella cranes' jew krejns' jew 'krejnijiet'.

Dan kollu jurina, fost l-oħrajn, li l-Maltin, bħan-nies ta' artijiet oħra, kull meta jaslu biex idaħħlu kliem missellef minn lingwi oħra, għandhom il-ħila jimmanipulaw dawn il-kliem missellef kif jaqbel, kemm fil-kitba, kemm fid-diskors. U dan iġagħalna naħsbu f'metodu ieħor fejn il-Malti mhux biss idawwar u isawwar il-kelma Ingliża f'għamla Maltija, iżda jagħżel ukoll li fil-kelmiet missellfa jħalli xi kliem barra. Nieħdu b'eżempju l-kelma 'private buses' li l-Malti biddel fi 'privates'. Fis-sentenza 'Ġab it-tape hu u kellu jġorru waħdu', trid tifhiem 'Ġab it-tape-recorder'.

Issa, element grammatikali li jmiss mill-qrib lil dawn l-angliċiżmi huwaf ejn jidħol il-plural. Il-formazzjoni tal-plural Malti tieħu żewġ għamliet: (i) żieda ta' suffissi; (ii) plural miksur. Imma fl-angliċiżmi dawn iż-żewġ metodi applikabbli għan-nomi u l-aġġettivi mhux